**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 18/07 - 8 ta' April 2014 - 18:00PM**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | *skużata* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | *skużata* |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Triq Dejma Ħal Tarxien
2. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Triq Dejma Ħal Tarxien

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-laqgħa qed issir minħabba xi ċirkostanzi li nqalgħu minn meta Dejma Road ġiet one way.

ii Huwa kompla jispjega li partikolarment tlett ħwienet fi Triq Dejma rriferew għand il-GRTU sabiex din l-union li tirrapreżentahom tintervjeni peress li skond huma minn meta Triq Dejma temporanjament saret one way, in-negozju tagħhom mar lura. Minn naħa tagħha l-GRTU bgħatet kemm email kif ukoll ittra lill-Onor. Joe Mizzi Ministru għat-Trasport u Infrastruttura. Is-Sindku qal li din l-ittra kienu kkuppjati wkoll is-Sur James Piscopo CEO ta' TM, Il-Perit Audrey Testaferrata de Noto Direttur Immaniġġjar tat-Traffiku fi TM, huwa bħala Sindku ta' Ħal Tarxien kif ukoll kien ikkupjat l-Onor. Jose Herrera bħala Seg. Parl responsabbli mill-Kunsilli. Kopja tal-email kif ukoll tal-ittra mill-GRTU qed tiġi annessa mal-Minuti bħala riferenza.

iii Is-Sindku qal li sadanittant huwa għamel kuntatt mal-Perit A. Testaferrata de Noto fejn talbitu xi evidenza bħal forsi xi ritratti tal-konġestjoni li kien ikun hemm meta Triq Dejma kienet għadha two way. Huwa qalilha li ritratti dwar dan m'għandux pero għandu rapport miġbur minn PARAGON fejn juri kemm vetturi, kbar u żgħar, kienu jgħaddu minn din it-triq ta' kuljum speċjalment waqt l-agħar ħinijiet ta' traffiku.

iii.i Sadanittant l-ewwel rapport ġie mgħoddi permezz ta' email datata 28 ta' Marzu 2014 u indirizzata lis-Sur James Piscopo CEO TM u li biha kienet ikkupjata wkoll l-istess Perit A. Testaferrata de Noto.

iv Is-Sindku kompla jispjega li apparti dan ir-Rapport, il-PARAGON wegħduna li ser jippreparaw rapport ieħor issa li Triq Dejma ġiet one way sabiex b'hekk ikunu f'pożizzjoni li jipparagunaw id-differenza fit-traffiku li jgħaddi minn din it-triq.

v Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sadanittant irċevejna ittra datata l-1 ta' April 2014 iffirmata mill-Perit A. Testaferrata de Noto Direttur fi Transport Malta fejn infurmatna li l-perjodu ta' xahar prova ta' sistema ta' one way fi Triq Dejma issa skada u TM mhix f'pożizzjoni li tikkonferma li din it-triq tibqa one way. Fl-istess ittra hemm miktub li skond monitoraġġ li huma għamlu l-problema f'din it-triq hija waħda ta' infurzar u mhux billi triq tiġi one way.

Kopja ta' din l-ittra qed tiġi mehmuża ma' dawn il-Minuti bħala riferenza.

vi Il-Viċi Sindku qal li fil-Kunsill preċedenti kien diġa għamel diskussjoni mal-Paragon sabiex issir hub sabiex trailers u vetturi kbar jħottu f'dan il-hub allokat għalihom.

Vii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rrimarka li minn din l-ittra joħroġ li TM ħadet deċiżjoni definittiva u l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li nappellaw minn din id-deċiżjoni.

viii Is-Sindku rrimarka li hu jħoss li saret inġustizzja ma' 70 familja għal ma tlett iħwienet. Is-Sindku qal li meta wieħed mit-tlett sidien mar ikellmu l-Kunsill, qallu li hu ser jagħmel minn kollox sabiex Triq Dejma terġa tiġi two way.

ix Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa sabiex nagħmlu kuntatt mal-PARAGON sabiex it-tieni rapport jagħmluh malajr kemm jista' jkun u ladarba jkollna dan ir-rapport f'idejna ngħadduh mill-ġdid lit-TM fejn nitolbuhom ukoll għal rikonsiderazzjoni.

x Il-Viċi Sindku Paul Farrugia ssuġġerixxa li apparti l-hub, issir sistema ta' parking u ssir sistema ta' infurzar.

xi Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li ma jsibx soluzzjoni għajr li jsir dan it-tieni rapport minn PARAGON u nibgħatuh lit-TM u nitolbu rikonsiderazzjoni.

xii Il-Kunsillier Frans Agius qal li biex nitolbu rikonsiderazzjoni importanti li l-Kunsill ikollu xi ħaġa f'idejgħ. Importanti li nenfasizzaw l-benefiċċji li ggwadanjana tul dan ix-xahar li Dejma Road kienet one way.

xiii Is-Sindku qal li sid partikolari li qed jopponi li Triq Dejma tibqa one way, fuq kollox ir-residenza tiegħu tad-dar ġewwa Raħal Ġdid hija one way.

Xiv Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li nistgħu b'mod immedjat inpoġġu wardens jissorveljaw it-triq u kull min jipparkja ħażin u jew jieqaf fil-kantunieri hemm u mhemmx ħwienet jiġi mmultat. Kull min isuq jaf x'inhuma r-regoli u obbligat li josservahom. Il-Viċi Sindku Paul Farrugia kompla ma' dak li qal is-Sur Bonavia u ssuġġerixxa biex il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż, jitlob li r-rotta tal-gwardjani fuq Ħal Tarxien għal perjodu ta' żmien tkun kollha kkonċentrata fuq Triq Dejma.

Xv Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti jekk fil-prinċipju jaqblux li Triq Dejma tibqa one way. Il-Viċi Sindku Paul Farrugia rrimarka li ladarba t-TM bgħatet dik l-ittra l-Kunsill irid jimxi mal-Awtorita ta' TM.

xvi Il-Kunsillier Keith Darmanin staqsa lis-Sindku żewġ domandi – waħda li huwa bħala Sindku x'qiegħed jissuġġerixxi li jsir; u tieni jekk wasalna f'dan l-istadju naqblux li għandna niktbu lura għal rikonsiderazzjoni. Il-Kunsillier Frans Agius wieġeb li jaqbel li bħala Kunsill għandna niktbu lura. Pero reġa seħaq li biex nitolbu rikonsiderazzjoni jrid ikollna fuq xhix.

xvii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rrimarka li l-Kunsill irid jara l-interess kemm tar-residenti kif ukoll tal-ħwienet. Huwa kompla jispjega li l-Awtoritajiet forsi għandhom stampa aktar wiesa' milli jara l-Kunsill u forsi jkun hemm problemi ferm akbar li jkunu qed jaffaċċjaw u jaraw li ċerta issues jiġu riżolti kollox għal ġid tal-komunita' kummerċjali in ġenerali. F'dan l-istadju l-Kunsill jista' biss jitlob għal rikonsiderazzjoni. Huwa kompla jgħid li jekk allura m'aħniex ser nagħmlu hekk allura hu ser jiġi jgħid li nagħmlu kif qalulna t-TM u naqilgħu t-tabelli u nagħmlu enforcement.

xviii Is-Sindku staqsa lis-Seg. Eżek. x'inhuma l-ġranet u l-ħinijiet tal-wardens ġewwa Ħal Tarxien ? Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-AO biex jagħtih id-dettalji imbagħad jitlob li għal perjodu ta' żmien jagħmlu patrol fi Triq Dejma.

xix Il-Kunsillier Ismael Dalli staqsa kemm mis-Sidien tal-ħwienet li hemm fi Triq Dejma joqgħodu Ħal Tarxien? Is-Sindku wieġeb li ħadd mis-sidien tal-ħwienet ma joqgħod Ħal Tarxien. Hawnhekk il-Viċi Sindku staqsa lis-Sur Dalli x'inhu l-argument li jrid jagħmel? Is-Sur Dalli wieġeb li l-Kunsill irid jara l-interessi tar-residenti li eleġġewhom. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia u l-Viċi Sindku Paul Farrugia wieġbu li huma jqisu l-interessi tal-kummerċ ukoll.

xx Is-Sindku rrimarka li min irid ħanut partikulari jmur kullimkein għalih biex jinqeda. Il-Kunsillier Ismael Dalli qabel mas-Sindku. Il-Kunsillier Frans Agius wieġeb li pero d-deċiżjoni ma ħadiex sid il-ħanut imma t-TM.

xxi Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li l-Kunsill huwa Gvern Lokali u mhux Union tar-Residenti. Huwa jibqa tal-opinjoni li għandna niktbu lit-TM.

Xxii Il-Kunsill qabel li tajjeb li r-residenti wkoll jagħmlu petizzjoni.

xxiii Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li hemm ukoll kunsiderazzjonijiet ambjentali.

xiv Is-Sindku staqsa jekk lill-pubbliku rridux ninfurmawh kemm bl-ittri tal-GRTU kif ukoll tat-TM? Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-pubbliku b'kollox kif ukoll li l-Kunsill ser jitlob lit-TM għar-rikonsiderazzjoni.

xv Il-Kunsillier Frans Agius issuġġerixxa li l-ewwel xogħol filgħodu jinqalgħu t-tabelli, tintbgħat ittra lir-residenti, isiru t-tabelli u sinjali neċessarji u jibda jsir enforcement. Il-Viċi Sindku Paul Farrugia ssekonda dak kollu ssuġġeriet mis-Sur Agius.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2 <u>Għeluq tal-Laqgħa</u>

i Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 29 ta' April 2014 fil-5.30pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**